**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 198/17 AL

**AB**

**VS**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fil-21 ta' Jannar 1990. Illi huwa ssepara legalment minn ma' l-intimata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef nhar id-9 ta' Dicembru tas-sena 2011;

Illi miz-zwieg il-partijiet konjugi b kellhom tifel wiehed MB li llum huwa maggorenni;

Illi l-konjugi B ilhom isseparati ferm oltre l-erbgha [4] snin rikjesti mill-

ligi;

Illi l-partijiet ma' ghandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom;

Illi l-partijiet ma' hemmx lok li jerghgu jirrikonciljaw;

Talab, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-intimata fis-sens illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Lulju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Dicembru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.